

# Karta Tal-Kunsilliera Lokali Tal-UE

## Billi Ningħaqad Man-Network Nimpenja Ruħi Li

- Nippartećipa fl-attivitajiet tan-network (stħarriġ, sondaġġi, webinars, seminars, pjattaformi ta' networking eċċ.) u, b'mod proattiv, nibni rabtiet ma' membri oħra.
- Norganizza – kull 6 xhur – tal-anqas attività ta' komunikazzjoni waħda maċ-ċittadini dwar l-UE u l-opportunitajiet li toffri lill-komunitajiet lokali.
- Norganizza – tal-anqas darba fis-sena – djalogu lokali maċ-ċittadini dwar suġġetti relatati mal-UE li huma ta' interess għalihom, bl-involviment tal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (CdR).
- Niddedika laqgħa waħda fis-sena tal-kunsill lokali/reġjonali tiegħi għal suġġetti relatati mal-UE u nippromoviha bħala "sessjoni tal-UE" bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.
- Nagħmel użu tajjeb mill-aċċess privileġġat għas-servizzi u l-prodotti tan-network, inkluż billi nikkuntattja lill-membri tas-CdR u l-eqreb ċentru tal-EUROPE DIRECT bil-għan li naħdmu flimkien.
- Nagħti feedback regolari lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni li nkun wettaqt bħala membru tan-network.
- Nippromovi n-Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE ma' rappreżentanti eletti lokali/reġjonali oħra li jistgħu jkunu interessati jissieħbu.